

Domandi preliminari

L-obbligu ta' rikonoxximent reċiproku previst fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (Tfassil mill-Ġdid) ⁽¹⁾ jeżisti wkoll meta Stat Membru jkun issostitwixxa liċenzja tas-sewqan mingħajr eżami tal-ħila u meta l-liċenzja tas-sewqan preċedenti ma tkunx suġġetta għall-obbligu ta' rikonoxximent (f'dan il-każ, l-imsemmija liċenzja tas-sewqan preċedenti, maħruġa minn Stat Membru ieħor tal-Unjoni, kienet hija stess ibbażata fuq is-sostituzzjoni ta' liċenzja tas-sewqan ta' pajjiż terz, skont it-tielet sentenza tal-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2006/126)?

⁽¹⁾ ĠU 2006, L 403, p. 18.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vestre Landsret (id-Danimarka) fit-2 ta' Frar 2018 – Skatteministeriet (il-Ministeru għat-Taxxa, id-Danimarka) vs KPC Herning

(Kawża C-71/18)

(2018/C 134/21)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Vestre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Skatteministeriet (il-Ministeru għat-Taxxa, id-Danimarka)

Konvenuta: KPC Herning

Domandi preliminari

Huwa kompatibbli mad-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikolu 135(1)(j) u tal-Artikolu 12(1)(a) u (2), min-naħa, kif ukoll tal-Artikolu 135(1)(k) u tal-Artikolu 12(1)(b) u (3), min-naħa l-oħra, tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾ li, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, Stat Membru jqis il-kunsinna ta' proprjetà immobbli, li fuqha fiż-żmien tal-kunsinna jkun hemm bini, bħala l-bejgħ ta' art għall-bini suġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), meta l-intenzjoni tal-partijiet tkun li l-bini jitwaqqa' totalment jew parzjalment sabiex jagħmel spazju għal bini ġdid?

⁽¹⁾ ĠU 2006, L 347, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Visoki upravni sud (il-Kroazja) fit-8 ta' Frar 2018 – Hrvatska banka za obnovu i razvitak (HBOR) vs Povjerenik za informiranje Republike Hrvatske

(Kawża C-90/18)

(2018/C 134/22)

Lingwa tal-kawża: il-Kroat

Qorti tar-rinviju

Visoki upravni sud

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Hrvatska banka za obnovu i razvitak (HBOR)

Konvenut: Povjerenik za informiranje Republike Hrvatske